

Brussell, 24 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14482/1/25
REV 1

AVIATION 144
DELECT 161

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 6987 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'23.10.2025 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 748/2012 fir-rigward taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà u taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 6987 final.

Mehmuż: C(2025) 6987 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.10.2025
C(2025) 6987 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 23.10.2025

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 748/2012 fir-rigward taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà u taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Mit-28 ta' Settembru 2008, iċ-ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà u iċ-ċertifikati ristretti tal-ajrunavigabbiltà fl-UE nħarġu għal żmien illimitat. Sabiex tinżamm il-validità tagħhom, l-inġenji tal-ajru jridu perjodikament jgħaddu minn reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà (AR, airworthiness review), u jrid jinħareġ ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà (ARC, airworthiness review certificate), f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014¹. L-introduzzjoni tal-proċess tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà gābet bidliet sinifikanti, inklużi rwoli ġodda għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs, national competent authorities), privileġġi għall-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa, rekwiżiti speċifiċi tal-persunal, u proċessi dettaljati għall-ħruġ tal-ARCs.

Kif meħtieġ mill-Artikolu 85(8) tar-Regolament (UE) 2018/1139², l-Aġenzija vvalutat l-impatt tal-proċess tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà permezz ta' diversi attivitajiet bħall-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni, l-evalwazzjoni ta' derogi, feedback tal-partijiet ikkonċernati, u sħarriġ li sar f' Settembru 2012.

Fir-rigward tal-feedback tal-partijiet ikkonċernati, tqajjem tħassib li r-rekwiżiti fir-Regolamenti (UE) Nru 748/2012 u (UE) Nru 1321/2014 rigward il-ħruġ taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà u tal-ARC kienu inadegwati, mhux ċari jew impossibbli li jiġu ssodisfati f'ċerti sitwazzjonijiet, b'mod partikolari meta l-inġenji tal-ajru jkunu ġew importati minn sistema regolatorja differenti.

Dan l-att delegat għandu l-għan li jindirizza dawn il-każijiet billi jipprovdi rekwiżiti aktar ċari sabiex jiffaċilita l-implimentazzjoni tar-regoli u jneħħi dawk ir-rekwiżiti li, mingħajr benefiċċju tas-sikurezza, ħolqu piż amministrattiv.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-Artikolu 128(4) tar-Regolament (UE) 2018/1139, qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Dak l-abbozz tal-att delegat ġie ppreżentat lill-Grupp ta' Esperti dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni, li jinkludi rappreżentanti tal-Istati Membri, waqt il-laqgħa tiegħu fi [...]. L-abbozz tal-att delegat ikkonċernat huwa bbażat fuq l-Opinjoni 08/2024 tal-EASA li l-kontenut tagħha kien ġie kkonsultat pubblikament permezz tal-Avviż tal-Emenda Proposta (NPA) 2015–17 “Airworthiness review proċess”, l-NPA 2016–08 “Import of aircraft from other regulatory system, and Part-21 Subpart H review”, u l-NPA 2016–19 “Alignment of implementing rules and acceptable means of compliance/guidance material with Regulation (EU) No 376/2014 — Occurrence reporting”.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 19(1)(e) tar-Regolament (UE) 2018/1139 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 128 ta' dak ir-Regolament, li jistabbilixxu rekwiżiti dettaljati fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-ħruġ, l-emendar, il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka taċ-ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà, kif ukoll taċ-ċertifikati ristretti tal-ajrunavigabbiltà.

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 362, 17.12.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1321/oj>).

² ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj>.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'23.10.2025

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 748/2012 fir-rigward taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà u taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 19(1), il-punt (e), u l-Artikolu 62(13), il-punt (a), tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 ⁽⁴⁾ jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-ajrunavigabbiltà inizjali tal-inġenji tal-ajru, inklużi r-rekwiżiti għall-ħruġ taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà u taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett.
- (2) Il-komplessità ta' daww ir-regoli ta' implimentazzjoni jenħtieġ li titnaqqas biex jiġu allinjati mar-riskji assoċjati mal-kategoriji differenti ta' inġenji tal-ajru, it-tipi ta' operazzjonijiet u l-istorja tal-inġenji tal-ajru. Jeħtieġ li r-regoli stabbiliti fl-Annessi tar-Regolamenti (UE) Nru 748/2012 jiġu ssimplifikati u armonizzati sabiex isiru aktar ċari u jiġu evitati interpretazzjonijiet żżiena.
- (3) Minħabba d-dipendenzi kumplessi bejn ir-Regolamenti (UE) Nru 748/2012 u (UE) Nru 1321/2014 b'rabta maċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà u ċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà rispettivament, jeħtieġ li jissaħħaħ l-allinjament bejn daww iż-żewġ Regolamenti, b'mod partikolari għall-inġenji tal-ajru trasferiti bejn l-Istati Membri jew importati fl-Unjoni.
- (4) Sabiex jissaħħaħ il-moviment liberu tal-inġenji tal-ajru fl-Unjoni huwa meħtieġ li jiġi ffaċilitat il-proċess għall-ħruġ ta' ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà meta l-inġenji tal-ajru jiġu ttrasferiti bejn l-Istati Membri u li l-applikanti jkunu jistgħu jitolbu ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà mill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru fejn jixtiequ jirreġistraw l-inġenju tal-ajru.

³ ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj>.

⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali jew dikjarazzjoni ta' konformità tal-inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet, tagħmir, unitajiet tal-kontroll u tal-monitoraġġ relatati u komponenti ta' unitajiet tal-kontroll u tal-monitoraġġ, kif ukoll għar-rekwiżiti tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tad-disinn u tal-produzzjoni (ĠU L 224, 21.8.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/748/oj>).

- (5) Ir-rekwiżiti tal-applikazzjoni għaċ-ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà u għaċ-ċertifikati ristretti tal-ajrunavigabbiltà jenħtieġ li jiġu emendati biex jinkludu każijiet ta' inġenji tal-ajru użati għajr l-inġenji tal-ajru li joriġinaw minn pajjiżi terzi, bħal inġenji tal-ajru li qabel kienu jintużaw għal attivitajiet jew servizzi definiti fl-Artikolu 2(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2018/1139.
- (6) Meta ssir applikazzjoni għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett għal inġenju tal-ajru importat minn pajjiżi terzi, tkun meħtieġa dikjarazzjoni li tirrifletti l-istatus tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru. Meta dik id-dikjarazzjoni ma tkunx disponibbli u ma tkunx tista' tinkiseb, jenħtieġ li jiġi introdott mekkaniżmu alternattiv ibbażat fuq attivitajiet ta' investigazzjoni u evalwazzjoni.
- (7) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 748/2012 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-Opinjoni 08/2024 ⁽⁵⁾, maħruġa mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 748/2012 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Anness I (il-Parti 21) huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (2) L-Anness Ib (il-Parti 21 Light) huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data: 6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23.10.2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

⁵ L-Opinjoni 08/2024 tas-17 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, "Airworthiness review process - Import of aircraft from other regulatory systems, and Part 21 Subpart H review - Alignment of the IRs of the EASA Basic Regulation with Regulation (EU) No 376/2014", <https://www.easa.europa.eu/en/document-library/opinions/opinion-no-082024>.